MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2017

Rikors Maħluf Numru: 574/15 LM

**HSBC Bank Malta p.l.c (C.3177)**

**vs.**

**Anthony Aquilina, Identity Card numru 263463(M) debitur prinċipali; u Raymond Aquilina (Identity Card numru 164466(M) u martu Denise Aquilina (Identity Card numru 160670(M); Carmel Aquilina (Identity Card numru 228860(M); Madliena Developments Limited (C-14478), La Terrain Ltd (C-27922) u Champs Mediterrain Ltd (C-31208), ilkoll garanti solidali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ta' **HSBC Bank Malta p.l.c.** (minn issa 'l quddiem "il-Bank attur") ippreżentat fit-12 ta' Ġunju, 2015, li jaqra hekk:

*Illi l-konvenut Anthony Aquilina huwa debitur tal-Bank attur fl-ammont globali ta' sitt mija u tletin elf, sitt mija u tmienja u ħamsin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€630,658.37) oltre l-imgħax ulterjuri kif hawn taħt spjegat:*

1) *Mitejn u sitt elef, tliet mija u tmienja u erbgħin euro u sitta u sittin ċenteżmu (€206,348.66) dovuti lill-Bank attur in kwantu għal mija u tnejn u tmenin elf, erba' mija u tmienja u tmenin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€182,488.54) bħala bilanċ ta' "Loan Account" bin-numru 061-157202-300 u r-rimanenti tlieta u għoxrin elf, tmien mija u sittin Euro u tnax-il ċenteżmu (€23,860.12) bħala imgħax fuq l-istess "Loan Account" sat-12 ta' Mejju, 2015 kif jirriżulta mill-Istatement anness bħala Dok. A, oltre l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) mit-13 ta' Mejju, 2015 sad-data tal-pagament effettiv, liema Loan ġie mogħti lid-debitur prinċipali b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza tas-17 ta' Jannar, 2006 (Dok. B);*

2) *Erba' mija u sebgħa u għoxrin elf, sitt mija disa' u ħamsin Euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€427,659.55) dovuti lill-Bank attur in kwantu għal tliet mija u wieħed u sebgħin elf, ħames mija u ħamsa u disgħin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€371,595.58) bħala bilanċ ta' "Loan Account" bin-numru 061-157202-301 u r-rimanenti sitta u ħamsin elf, tlieta u sittin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmi (€56,063.97) bħala imgħax fuq l-istess "Loan Account" sat-12 ta' Mejju, 2015, kif jirriżulta mill-Istatement anness bħala Dok. C, oltre l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) mit-13 ta' Mejju, 2015 sad-data tal-pagament effettiv; liema Loan ġie mogħti lid-debitur prinċipali b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza tat-13 ta' Mejju, 2009 (Dok. D);*

3) *Illi l-konvenuti Raymond Aquilina u martu Denise Aquilina, Carmel Aquilina, Madliena Developments Limited, Le Terrain Ltd u Champs Mediterrain Ltd ikkostitwew ruħhom garanti solidali mad-debitur prinċipali Anthony Aquilina favur il-Bank attur kif jidher mill-għaxar (10) Guarantee Forms annessi bħala dokumenti E, F, G, H, I, J, K, L, M u N.*

4) *Illi l-konvenuti għalkemm interpellati għall-ħlas permezz ta' żewġ (2) ittri uffiċjali tad-9 ta' Settembru, 2014 (Dokumenti O u P), huma baqgħu inadempjenti.*

*Għaldaqstant, il-Bank rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna:*

1) *Tiddikjara illi l-konvenut Anthony Aquilina, bħala debitur prinċipali, u l-konvenuti l-oħra Raymond Aquilina u martu Denise Aquilina, Carmel Aquilina, Madliena Developments Limited, Le Terrain Ltd u Champs Mediterrain Ltd bħala garanti solidali, huma debituri solidament bejniethom fil-konfront tal-Bank attur fis-somma globali ta' sitt mija erba' u tletin elf, u tmien Euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€634,008.21) dovuta kif qabel spjegat;*

2) *Tikkundanna lill-konvenuti solidament bejniethom iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma globali ta' sitt mija erba' u tletin elf, u tmien Euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€634,008.21) bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-ammont ta' €182,488.54 mit-13 ta' Mejju, 2015 u fuq l-imsemmi ammont ta' €377,595.58 mit-13 ta' Mejju, 2015 sal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk taż-żewġ ittri uffiċjali tad-9 ta' Settembru, 2014 kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Anthony Aquilina, Raymond Aquilina** u **martu Denise Aquilina, Carmel Aquilina, Madliena Developments Limited, Le Terrain Ltd** u **Champs Mediterrain Ltd** (minn issa 'l quddiem il-konvenuti) li tgħid hekk:

1. *Illi t-talbiet attrici huma kkontestati stante illi l-konvenut debitur principali Anthony Aquilina ma għandux jagħti l-ammont kollu mitlub, u jeħtieġ li ssir verifika tas-somom reklamati mis-socjetà attriċi, jekk hemm bżonn permezz ta' ħatra ta' perit komputista.*

2. *Illi, fil-fatt, is-soċjetà attriċi għandha ġġib prova tal-ammonti lilha dovuti u tad-dritt tagħha li tirreklama l-imgħaxijiet bir-rati indikati u bil-mod indikat fid-Dok. A anness mar-rikors ġuramentat.*

3. *Illi l-komputazzjoni tal-ammont reklamat mis-soċjetà attriċi, skont kif indikat fl-istess Dok. A anness mar-rikors ġuramentat, ma saritx skont il-liġi u l-ammont mitlub bħala imgħax huwa bi ksur tal-liġi.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jitressqu skont il-liġi. Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Semgħet ix-xhieda prodotta mill-Bank attur.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

Semgħet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kawża.

Rat in-Nota ppreżentata mis-soċjetà attriċi fis-16 ta' Settembru, 2016 illi permezz tagħha rriduċiet it-talba kif dedotta fir-Rikors Maħluf u dan għall-ammont ta' €371,470.64, bl-imgħaxijiet ulterjuri bir-rata ta' 8% fis-sena mill-25 ta' Awwissu, 2016 u bl-ispejjeż, fil-konfront tal-konvenut Anthony Aquilina bħala debitur prinċipali u tal-garanti konvenuti kollha *in solidum* u dan peress illi saru żewġ depożiti wieħed fuq il-kont numru 061-157202-300 fl-24 ta' Awwissu, 2016 ta' €225,408.58 għas-saldu u dan il-kont illum jinsab magħluq u depożitu ieħor li jġib l-istess data fl-ammont ta' €95,000 in

riduzzjoni tas-somma dovuta fuq il-kont bin-numru 061-157202-301 oltre imgħaxijiet ulterjuri mill-25 ta' Awwissu, 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Settembru, 2017 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għas-seduta tal-lum.

Rat in-Nota pprezentata mis-soċjetà attriċi fid-9 ta' Ottubru, 2017 illi permezz tagħha rriduċiet it-talba kif dedotta fir-Rikors Maħluf u dan għall-ammont ta' mitejn u erbat elef ħames mija u erbgħa u sittin Euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€240,564.81).[1]

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Illi filwaqt li mhuwiex ikkontestat illi l-konvenuti huma debituri tal-Bank attur, Anthony Aquilina bħala debitur prinċipali u l-konvenuti l-oħrajn bħala garanti *in solidum*, dak li huwa kkontestat mill-konvenuti hija l-komputazzjoni tas-somom reklamati mill-Bank attur. Il-konvenuti jikkontendu illi l-komputazzjoni tal-ammont reklamat mill-Bank attur ma saritx skont il-liġi u l-ammont mitlub bħala imgħax huwa bi ksur tal-liġi.

[1] Żieda awtorizzata ai termini tal-artikolu 825 (1) tal-Kap. 12 permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Ottubru, 2017.

Illi għandu jiġi rilevat illi fit-tieni paragrafu tar-Rikors Maħluf l-ammont globali reklamat mill-Bank attur huwa indikat bħala sitt mija u tletin elf, sitt mija u tmienja u ħamsin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€630,658.37), mentri l-*workings* tal-ammont totali reklamat mill-Bank attur fl-istess Rikors Maħluf iwasslu għall-ammont globali ta' sitt mija erbgħa u tletin elf, u tmien Euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€634,008.21), li huwa l-ammont globali kif mitlub mill-Bank attur fit-talbiet tiegħu. Evidentement l-ammont kif reklamat mill-Bank attur fl-ewwel premessa tar-Rikors Maħluf tiegħu mhuwiex dak korrett, imma wara li ġiet ippreżentata n-nota ta' riduzzjoni mill-Bank attur fis-16 ta' Settembru, 2016 dankollu issa sar superfluwu.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawża l-faċilitajiet bankarji mogħtija mill-Bank attur lill-konvenut Anthony Aquilina kienu *loans* ordinarji[2], u m'hemmx kwistjoni dwar imgħax kompost. Fil-fatt l-i*statements* esibiti mar-Rikors Maħluf[3] jindikaw espressament li l-imgħax kien *"simple interest"* li kien jitla' u jinżel. Id-debitur prinċipali, il-konvenut Anthony Aquilina, kellu żewġ kontijiet mal-Bank attur. Kien biss fil-każ tal-kont numru 061-157202-300 fejn l-imgħax qabeż it-8%, imma anki fir-rigward ta' dan il-kont, fil-parti l-kbira l-imgħax kien bit-8% jew inqas, iżda kien hemm waqtiet meta l-imgħax issupera t-8% fis-sena. Bejn

[2] A fol. 119, depożizzjoni ta' Sharon Aquilina, uffiċjal tal-Bank attur.
[3] A fol. 7,8, u 9.

Ġunju sa Diċembru 2007 u f'Jannar 2008 l-imgħax kien bit-8.25% u bejn Lulju u Ottubru 2008 kien bit-8.35%.

Illi l-eċċezzjoni ewlenija tal-konvenuti hija li l-Bank attur impona imgħax eċċessiv bi ksur tal-Artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula li l-imgħax ma jistax jaqbeż it-8% fis-sena, u għalhekk jekk ikun ġie mħallas imgħax iżjed minn dak li tagħti l-liġi, żżejjed jinqata' mill-kapital a tenur tal-artikolu 1852(3) tal-Kodiċi Ċivili.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti jsemmu kif ir-regola prinċipali għar-rigward tal-imgħaxijiet hija dik sanċita fl-artikolu 1852 tal-Kap. 16:

(1) L-imgħax ma jistax jaqbeż it-tmienja fil-mija fis-sena.

(2) L-imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk jiġi mnaqqas sal-limiti hawn fuq imsemmija.

(3) Jekk ikun ġie mħallas imgħax iżjed minn dak li tagħti lliġi, iż-żejjed jinqata' mill-kapital.

Illi b'eċċezzjoni għall-prinċipji ġenerali stabbiliti bl-imsemmi artikolu, l-artikolu 1855A tal-Kodiċi Ċivili, jipprovdi li:

> "Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja flimkien mal-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jagħmel regolamenti li jkunu jordnaw il-kondizzjonijiet li taħthom dawk id-djun u obbligazzjonijiet li jiġu hekk imsemmija f'dawk ir-regolamenti jistgħu jiġu eżentati minn xi

> dispożizzjoni tat-Titolu IV u t-Titolu XVII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet bħalma huwa jista' jistabbilixxi f'dawk ir-regolamenti, u li jkunu iktar minn hekk jirregolaw il-ħlas ta' mgħax, il-ħdim ta' mgħax kompost f'kull aspett tiegħu u l-ogħla somma ta' mgħax li jista' jiġi mħallas."

Il-konvenuti jsostnu li applikabbli għaż-żmien li fih sar is-self mertu tal-kawża kienet l-*Interest Rate (Financial Transactions) Order 2005* (Avviż Legali 323 tat-2005) billi l-imgħax allegatament eċċessiv ġie impost mill-Bank konvenut fis-snin 2007 u 2008. Għalhekk l-*Interest Rate (Exemption) Regulations* (Avviż Legali 142 tat-2009) ma japplikawx għas-self mertu ta' din il-kawża għax dawn ir-regolamenti daħlu fis-seħħ fl-24 ta' Marzu, 2009.

Illi huwa minnu li l-istanzi msemmija fir-regolamenti ċċitati mill-konvenuti ma japplikawx għal self minn bank lokali bħal dak mertu ta' din il-kawża. Il-Bank attur jgħid iżda li fiż-żmien rilevanti kien hemm dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi li jawtorizzawh jimponi rata ta' imgħax ogħla minn tmienja fil-mija fis-sena, u ċjoè l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, li kien ġie mħassar fl-2013 bis-saħħa tal-Att XIII tal-2013, li kien jaqra hekk:

> "Minkejja kull ħaġa li tinsab f'xi liġi oħra, istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jistgħu jistabbilixxu r-rata ta' imgħax li titħallas fuq depoziti miżmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu, u r-rata ta' imgħax li huma jistgħu jżommu fuq self, avvanzi u kull facilità ta' kreditu oħra kif ukoll il-ħruġ ta' *debentures* jew *debenture stocks* jew strumenti oħra li joħolqu jew li jirrikonoxxu debitu".

Waqt it-trattazzjoni bil-fomm il-konvenuti rribattew li dan l-artikolu ma jawtorizzax l-impożizzjoni ta' rati ta' imgħax ogħla mill-massimu permess mill-artikolu 1582 tal-Kodiċi Ċivili. Madanakollu għandu jiġi rilevat illi l-leġiżlatur neħħa kull dubju li seta' jqum fl-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu tal-liġi, billi pprovda espressament li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu kienu japplikaw minkejja kull projbizzjoni li seta' jkun hemm fi kwalunkwe liġi oħra, inkluż allura l-artikolu 1582 tal-Kap. 16.

Tqis illi l-liġi hija ċara u m'għandha bżonn tal-ebda interpretazzjoni. Wara kollox huwa evidenti l-iskop tal-leġiżlatur x'kien, li permezz tal-artikolu 33 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta jeħles il-kummerċ bankarju mill-irbit restrittiv tal-Kodiċi Ċivili u dan fl-interess tal-ekonomija tal-pajjiż billi jpoġġi lill-istituzzjonijiet finanzjarji Maltin fl-istess pożizzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji barranin f'dinja globalizzata. Din il-Qorti kif diversament preseduta fi żmien meta kien fis-seħħ l-imsemmi artikolu 33 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, kienet ikkonfermat f'iktar minn okkażjoni waħda li:

> "Inoltre, l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta jippermetti biss imgħax ogħla mit-8%, iżda ma jippermettix kalkolu ta' imgħax differenti minn dak kontemplat fil-Kodiċi Ċivili".[4]

> "Rigward l-ewwel kontestazzjoni tal-intimat li l-imghax impost ta' 8.5% hu kontra l-liġi, jirriżulta invece li skont l-artikolu 1852(4) tal-Kap. 16 b'riferenza għall-artikolu 33 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Kap. 204) il-bank seta' jiċċargja imgħax ogħla mir-rata ta' 8%."[5]

[4] **Bank of Valletta p.l.c. vs. Charles Musca**t P.A. (TM) 06.05.2004.
[5] **APS Bank Limited vs. Joseph Agius** P.A. (GV**)** 30.01.2008.

Waqt it-trattazzjoni bil-fomm il-konvenuti qanqlu l-kwistjoni jekk il-Bank attur huwiex istituzzjoni ta' kreditu jew huwiex Bank liċenzjat mal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Din mhi xejn għajr eċċezzjoni li ġiet imqanqla għall-ewwel darba waqt it-trattazzjoni tal-kawża u mhijiex permissibbli f'dan l-istadju tal-kawża.[6] Dan apparti li l-Bank attur huwa istituzzjoni ewlenija f'Malta u jista' jitqies li l-liċenzja tiegħu mal-Awtorità imsemmija hija fatt notorju ossia fid-dominju pubbliku li m'għandux bżonn li jiġi ppruvat: *"The court will take judicial notice of facts which are notorious"*.[7]

**Decide**

**Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u tilqa' t-talbiet tal-Bank attur kif ridotti permezz tan-Nota ppreżentata fis-16 ta' Settembru, 2016, billi:**

1) **Filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tiddikjara illi l-konvenut Anthony Aquilina, bħala debitur prinċipali, u l-konvenuti l-oħrajn Raymond Aquilina u martu Denise Aquilina, Carmel Aquilina, Madliena Developments Limited, Le Terrain Ltd u Champs Mediterrain Ltd bħala garanti solidali, huma debituri solidament bejniethom fil-konfront tal-**

[6] Ara fost bosta oħrajn **The Cargo Handling Co Ltd. vs. Messrs John Abela Limited**, 07.07.2003, **Joseph Muscat vs. Josephine Camilleri,** 15.07.2009, u **Joseph Mifsud vs. Paul Cutajar**, 13.06.2008, kollha tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri)(PS).
[7] **Phipson on Evidence**, Eighteenth Edition, 2013 para 3-17.

**Bank attur fis-somma ta' mitejn u erbat elef ħames mija u erbgħa u sittin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€204,564.81)[8] oltre l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) mill-25 ta' Awwissu, 2016 sad-data tal-pagament effettiv;**

2) **Tikkundanna lill-konvenuti Anthony Aquilina, Raymond Aquilina u martu Denise Aquilina, Carmel Aquilina, Madliena Developments Limited, Le Terrain Ltd u Champs Mediterrain Ltd solidament bejniethom iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' mitejn u erbat elef ħames mija u erbgħa u sittin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€204,564.81)[9] oltre l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) mit-22 ta' Awwissu, 2017[10] sad-data tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż a karigu tal-konvenuti solidament bejniethom.**

Moqrija.

---

[8] Bidla awtorizzata ai termini tal-artikolu 825 (1) tal-Kap. 12 permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Ottubru, 2017.
[9] Bidla awtorizzata ai termini tal-artikolu 825 (1) tal-Kap. 12 permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Ottubru, 2017.
[10] Bidla awtorizzata ai termini tal-artikolu 825 (1) tal-Kap. 12 permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Ottubru, 2017.